MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2005

Numru 915/2003

Il-Pulizija
(Sp Michael Mallia)
vs
Joseph Attard, iben Victor,
imwieled Pieta' fl-14 ta'
awissu, 1975

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli f'Santa Venera, fid-9 ta' novembru, 2003 għal ħabta tal-4.00 a.m., bil-ħsieb li jagħmel delitt, u cioe' serq mill-fond 'Tower Bar', sitwat fi Triq il-Kbira san Ġuzepp, wera' dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u li kieku ġie esegwit kien ikun ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jiskorri l-elf lira maltin u bil-ħin għad-dannu ta' Joseph Galea;

2. talli rrenda ruħu reċidiv skond l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali meta nstab ħati b'diversi sentenżi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenżi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra;
3. talli kiser il-provvedimenti tal-'probation' tal-Kapitolu 152 tal-liġijiet ta' Malta b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta).

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-16 ta' april, 2004 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidrilhu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
(a) fl-artikoli 41(1)(a), 261(b)(ċ), 264, 265, 266, 267, 278, 279(b), 280, 334, 20, 31, 23, 289, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali;
(b) fl-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-liġijiet ta' Malta;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' diċembru, 2005 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' diċembru, 2005 fejn il-partijiet qablu li l-attentat ta' serq kien tal-valur ta' anqas minn elf lira maltin.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' diċembru, 2005 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjujba kontra tiegħu.

Semgħet il-provi.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat
l-artikoli 41(1)(a), 261(b)(ċ), 264, 265, 266, 267, 278(1)(2), 289, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah

għal piena ta’ sentejn u nofs (30 xahar) priġunerija. Fiċ-ċirkostanżi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------